MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2006

Numru. 1062/2004

**Pulizija**
**(Spt Dennis Theuma)**
**vs**
**Saviour Agius**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Saviour Aġius iben Francis u Carmela nee Sammut imwieled l-Iklin fil-11 ta’ Ottubru 1962 residenti Victoria, Numru 26, Triq Richard Taylor Ilklin u bin-numru tal-karta ta’ l-identita’ 673862(M)

a) Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer fis-7 ta’ Novembru 2000 u fiż-żmien ta’ qabel b’diversi azzjonijiet magħmula minnu anke jekk fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li kienu magħmulin b’riżoluzzjoni waħda, bħala detentur tal-fond bl-isem Victoria, Numru 26, sitwat fi Triq Richard Taylor, limits of Iklin jeww bħala persuna li kellu f’idejh l-imsemmi fond, b’mezzi qarrieqa kkommetta serq ta’ kurrent elettriku minn meter tad-dawl li jinsab fl-imsemmi fond għad-dannu taċ-Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-

mezz, bil-ħin u bil-valur li huwa iktar minn mitt lira Maltija (Lm100) iżda anqas minn elf lira Maltija (Lm1,000) u dan kollu bi ksur ta' l-artikoli 261, 263 (a), 264 (1), 267 u 270 rispettivament tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

b) U aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi għamel ħsara fil-makkinarju u gumni ta' l-elettriku jew ikkaġuna telf ta' l-elettriku u talli għamel ħsara jew għarraq xi apparat jew parti mill-meter ta' l-elettriku jew siġilli tiegħu jew xi parti minn xi apparat jew gumni użati fil-provvista ta' l-elettriku jew siġilli taghhom u dan kollu bi ksur ta' l-artikolu 326(1)(c) u (f) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Rat l-atti kollha tal-kawża inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid, il-fedina penali ta' l-imputat, il-kunsens ta' l-Avukat Ġenerali mogħti fis-17 ta' Settembru, 2004, il-kunsens ta' l-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, kunsens li huwa kkonferma wara li kien mogħti lilu żmien xieraq, ir-risposta tiegħu li mhux ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih, u r-rapport ta' l-espert tekniku Horace Anastasi.

3. Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.
4. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli Prosekutur u ta' l-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

5. Il-fatti fil-qosor huma dawn. Fit-18 ta' Marzu, 2002, kien sar rapport dwar allegat tbagħbis fil-fond, 26, Triq Richard Taylor, Iklin. Is-sid tal-fond huwa Saviour Aġius u l-espert li nħatar biex jeżamina l-meter stabilixxa li l-ħsarat kienu jammontaw għal Lm22 waqt li meta ta r-rapport lill-Maġistrat Inkwirenti, l-ammont ta' serq kien għadu mhux magħruf. Skond ix-xhieda ta' l-espert Horace Anastasi, huwa kien sab li kieu nqalgħu s-siġilli tal-plastik ta' kulur ħamrani li kienu mal-meter u nfetħet l-għata għal diversi drabi sabiex seta' jitbagħbas il-mekkaniżmu tal-meter. Kienet twaqqfet id-diska milli ddur biex ma jirreġistrax il-konsum propju u li tant kien hemm tbagħbis, li seħħ short circuit. Fil-fatt sabu parti mill-mekkaniżmu ġewwa l-ta' l-arloġġ. Meta mar l-espert fuq il-post huwa sab li l-meter

ma kienx qed jirreġistra. Huwa ddikjara wkoll li s-short circuit kien riżultat tat-tbagħbis.

6. Fl-inkjesta, l-imputat kien qal li t-tfal jilgħabu bil-ballun fil-post fejn kien hemm il-meter. Il-ħajt kien mimli daqqiet tal-ballun. Fis-16 ta' Marzu huwa kien xamm riħa ta' ħruq. Huwa nduna li beda jisparkja fejn hemm is-siġill ċelesti. L-imputat kien ċempel lill-Enemalta u dawn ġew għal xi l-ħdax ta' bil-lejl. Lil mart l-imputat għarrfuha li kellhom 'short' u kienu ser jirrappurtaw lill-Enemalta. Huwa kien innega li qatt bagħbas l-arloġġ u lanqas ġiegħel lil xi ħadd ibagħbsu.

7. Il-fond kien ilu li nxtara mill-imputat xi ħmistax-il sena.

8. It-two wire meter huwa Krizik Presov maħdum fiċ-Ċekoslovakkja fl-1986. Huwa tat-tip EJE 914 u bin-numru tas-serje 3810944.

9. Ix-xhud Ian Vella ikkonferma li l-meter huwa reġistrat f'isem Saviour Aġius ID. 673862 M. Dan ippreżenta wkoll il-konsum li sar bejn it-12 ta' Jannar, 1998 u t-18 ta' Marzu, 2002 fejn l-average kien 13.035 unit kull jum. Ittieħed perjodu ieħor bejn it-18 ta' Marzu, 2002 u t-18 ta' Ottubru, 2004 u hawn il-medja kienet 12.276. Tqabbil bejd dawn il-figuri juri li m'hemmx differenza sostanzjali fil-konsum ***qabel*** seħħet l-ispezzjoni u wara li seħħet. Fil-fatt ix-xhud ikkonferma li l-kontijiet baqgħu l-istess u għall-mistoqsija tal-Prosekuzzjoni:

'Sur Vella, int serq as such jirriżultalek?'

ix-xhud wieġeb 'M'għandniex konsum mhux reġistrat aħna. Ma nistgħux noħorġu stima.'

10. F'tali stimi, il-Korporazzjoni tikkalkula kemm inħela fuq il-meter il-qadim u kemm inħela dawl fuq il-meter il-ġdid. Il-Lm250 li kienu ħadu kienu deposit fuq il-meter u mhux ħlas għal xi serq.

11. Is-senior tradesman Harry Buttigieg ikkonferma li kienu marru fuq il-post għaliex kien sar rapport li l-meter

kien bil-ħsara. Huma sabu cover imkisser waqt li kien hemm żewġ siġilli ħomor neqsin, siġill blu nofsu nieqes u nofsu maħruq u kellu biċċa parti ġewwa mkissra. Kienu sabu wkoll xi brix mad-diska. L-imputat kien qalilhom li t-tfal setgħu kissru l-meter meta kienu qed jilgħabu bil-ballun.

## Xhieda ta' l-imputat

12. L-imputat qal li fil-jum tas-Sibt kien xogħol sa l-4.00 p.m. u meta mar id-dar sab li l-arloġġ kien qisu qed jisparkja. Huwa rrapporta l-Enemalta. Imbagħad irriżulta li t-tfal lagħbu bil-ballun u laqtuhulu huma. It-tfal kienu ammettew miegħu. Lit-tfal kemm-il darba kien avżahom li setgħu jagħmlu ħsara lill-arloġġ. L-imputat spjega li t-tfal setgħu laqtu l-meter bil-ballun u nkisret xi biċċa mill-arloġġ. Quddiem l-arloġġ ma kienx hemm injama.

13. Fit-trattazzjoni l-Prosekuzzjoni irreferiet għax-xhieda ta' Ian Vella waqt li d-Difiża ssottomettiet li ma kienx hemm prova ta' serq waqt li għal ħsara kienu diga' thallsu Lm250.

## Konsiderazzjonijiet tal-Qorti

14. L-artikolu 264 tal-Kap 9 jiddefinixxi bħala sgass it-tkissir u t-tagħwiġ ta' pajpijiet ta' l-ilma jew tad-dawl tal-meters tagħhom. Fis-sub-paragrafu (2) l-liġi tgħid hekk:

'Fil-każ ta' ksur ta' kanni tas-servizz pubbliku ta' l-ilma jew tas-servizz tal-gass, jew ta' fili jew gumni tas-servizz elettriku jew tal-meters tagħhom, il-fatt li jkun hemm mezzi qarrieqa li bihom wieħed jista' jkollu l-użu jew il-konsum illeġittimu ta' dan l-ilma, gass, jew kurrent elettriku, jew li bihom jista' jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew l-immarkar fil-meter tal-kwantita' meħuda jew ikkunsmata, jitqies, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, bħala prova li d-detentur tal-fond jew il-persuna li jkollha f'idejha l-fond fejn ikunu jinsabu dawn il-mezzi qarrieqa, jaf jew taf b'dan l-użu jew konsum ta' ilma, gass jew kurrent elettriku, skond ma jkun il-każ.'

15. Dwar din id-dispożizzjoni l-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fil-każ 'Il-Pulizija versus Ronald Bruno' qalet hekk:

'Biex issir il-prova sal-grad li trid il-liġi fil-kamp penali, a bażi tar-record of consumption li kien hemm (mhux sempliċement li probabbli kien hemm) serq ta' kurrent elettriku fil-perjodu inkriminat, għandha tinġieb prova tal-load ta' l-apparat elettriku f'dak il-perjodu.

Huwa veru li l-artikolu 264 (2) tal-Kodiċi Kriminali joħloq preżunzjoni li tisposta l-oneru tal-prova tal-fatt partikolari – cjoe' l-fatt jekk l-akkużat kienx jaf bl-użu jew bil-konsum illegali ta' ilma, gass jew kurrent elettriku – fuq l-istess akkużat. Jekk l-akkużat ikun jaf, jew hu preżunt li kien jaf, b'dak il-konusm illegali, allura r-reat ta' serq ikun imputabbli lilu. Pero' hija dejjem il-Prosekuzzjoni li trid tipprova li fil-fatt kien hemm użu jew konsum illegali, cjoe' serq ta' ilma, gass jew elettriku. Infatti jista' jkollok sitwazzjoni fejn ikun hemm il-ksur jew mezzi qarrieqa msemmija fl-artikolu 264 (2) mingħajr ma effettivament ikollok serq ta' ilma, gass jew elettriku.'[1]

16. Fil-każ odjern m'hemmx dubju li hemm il-ksur iżda fl-atti m'hemm ebda prova tas-serq tad-dawl. Anzi l-figuri juru li wara li nbidel il-meter il-konsum kien anqas.

17. Għaldaqstant il-Prosekuzzjoni ma ppruvatx l-ewwel imputazzjoni.

18. Dwar it-tieni imputazzjoni – dik tal-ħsara – tidher li din twettqet mit-tfal ta' l-imputat aktar milli mill-imputat. Dwar il-ħsara m'hemm ebda preżunzjoni fl-artikolu 264. kif qalet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-istess każ:

'Fil-każ tar-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni (ħsarat), il-liġi ma toħloq ebda preżunzjoni. Infatti, jista' jkollok każ fejn min jagħmel il-ħsara, per eżempju, fil-meter ta' l-

[1] Volume LXXXV Part IV (2001)

elettriku tkun persuna, filwaqt li min jużufruwixxi minn dik il-ħsara u jisraq il-kurrent elettriku tkun persuna oħra.'[2]

19. Fil-każ odjern ma kien hemm ebda prova li l-ħsara saret mill-imputat. Din, skond l-imputat, saret minn uliedu. Iżda il-missier ma jirrispondix kriminalment għall-għemil ta' uliedu bħala fatt ta' vicarious responsibility. Jirrispondi ai termini ta' l-artikolu 35 (3) tal-Kap. 9 jekk ikun ippruvat li uliedu fil-fatt kienu responsabbli għat-tkissir. F'dan il-każ ebda passi ma ttieħdu kontra t-tfal u għalhekk m'hemmx lok li jkun applikat l-artikolu 35 (3) bla preġudizzju għall-Korporazzjoni li tieħu passi fil-Qorti Ċivili ai termini ta' l-artikoli 1035 u 1036 tal-Kap. 16.

20. Għaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261, 263 (a), 264 (1) (2), 267, 270 u 326 (1) (ċ) u (f) tal-Kap. 9 ssib qed tillibera lill-imputat minn kull imputazzjoni dedotta kontrih.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[2] Volume LXXXV Part IV 205 (2001)